**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 14-2015**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson.*
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fid-19 ta' Ġunju 2015.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Ħatra ta' żewġ membri fil-Kumitat Amministrattiv.
3. Attivitajiet Sajf 2015.
4. Sejħiet għall-Offerti – Xogħlijiet fix-Xlendi.
5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
6. Mistoqsijiet mill-membri.
7. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħat KAX 11-2015, KAX 12-2015 u KAX 13-2015.

**2.00 Ħatra ta' żewġ membri fil-Kumitat Amministrattiv.**

2.01 Il-Kumitat irċieva r-riżenja mingħand is-Sur Michele Fenech Adami fit-12 ta' Mejju 2015 u mingħand is-Sur Vincent Borg fid-9 ta' Ġunju 2015. Il-Kummissarju Elettorali Ewlieni u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġew infurmati b'dawn ir-riżenji. Issa peress li l-Kumitat Amministrattiv ma ġiex maħtur b'elezzjoni, il-membri jridu jiġu maħtura mill-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Għaldaqstant ġie propost li l-membru li ser jinħatar minflok is-Sur Michele Fenech Adami huwa s-Sur Saviour Xiberras u l-membru li ser jinħatar minflok is-Sur Vincent Borg huma s-Sur Patrick Grima. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**3.00 Attivitajiet Sajf 2015.**

3.01 Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar l-attivitajiet għas-sajf fil-bajja tax-Xlendi. Il-Kumitat kien diġà qassam *flyer* sabiex jinstabu membri għal-logħob 'Giochi Senza Frontiere – *It's a Knock Out!*' u min hu interessat għandu japplika sal-aħħar ta' Ġunju 2015. Jekk ma japplikawx biżżejjed membri, il-Kumitat u l-Kunsill ikunu mitluba sabiex javviċinaw huma persuni ta' età bejn l-14 u l-25 sena u jekk ma jinstabux ma jkunx hemm triq oħra ħlief li din l-attività titħassar.

Il-lezzjonijiet u *show* dwar *self-defence* huma ppjanati għall-11 ta' Lulju 2015. Is-Segretarju Eżekuttiv qed jistenna l-*artwork* tal-*flyer* mingħand l-organizzaturi ta' dan l-*event*.

Bħas-sena l-oħra, il-Ministeru għal Għawdex ser iħallas għall-Fjakkolata li ser issir fix-Xlendi. Din ser issir kull nhar ta' Sibt għal tnax-il darba. Il-Kumitat ser jorganizza l-fjakkolata fis-16 ta' Lulju 2015 li taħbat il-festa liturġika tal-Madonna tal-Karmnu u fis-6 ta' Settembru 2015 li ser tkun il-festa tax-Xlendi.

It-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ser torganizza dawn l-*events* fix-Xlendi:

Cini Brothers – 4 ta' Lulju 2015
Art Cart – 17 ta' Lulju 2015
The Tramps – 18 ta' Lulju 2015
Spectrum Band – 25 ta' Lulju 2-015
Ceramic Festival (Pusè) – 1 t'Awwissu 2015
Acoustic Rock Mini Festival – 29 t'Awwissu 2015
Novel Band – 19 ta' Settembru 2015

**4.00 Sejħiet għall-Offerti – Xogħlijiet fix-Xlendi.**

4.01 Il-Kumitat beda jiddiskuti Offerta MXR/003/2015 - *Service of Street Sweeping in an environmentally friendly manner*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fil-25 ta' Mejju 2015 u nstabu żewġ offerti:

1. John Gauci - Ix-Xlendi - €27,490
2. Nicholas Zammit - Il-Munxar - €11,383
   Ix-Xlendi - €31,851

Għas-sena 2015 knis fil-Munxar u Ix-Xlendi ser jiġi jiswa €11,383 u €27,490 li jiġu €38,873. Din l-offerta qed teċċedi l-*budget* u ma hijiex ser tingħata.

4.02 Il-Kumitat beda jiddiskuti Offerta MXR/004/2015 - *Service of Refuse Collection in an environmentally friendly manner*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fil-25 ta' Mejju 2015 u nstabu żewġ offerti:

1. Euro Clean Waste Services
2. KIP Gozo Ltd

Il-Kumpanija Euro Clean Waste Services għamlet *bid-bond* b'ammont inqas minn dak li kien mitlub fid-dokument tat-*tender*. Wara li l-Kumitat/Kunsill ħa parir legali, din it-*tender* ġiet miċħuda. Il-Kumitat/Kunsill kien ser jiċċekkja l-offerta l-oħra qabel ma tiġi rrakkomandata li tintgħażel.

4.03 Il-Kumitat beda jiddiskuti Offerta MXR/005/2015 - *Works Tender for the upgrading and rehabilitation of a path at Ix-Xlendi Bay*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fil-25 ta' Mejju 2015 u nstabu tliet offerti:

1. Joe Cauchi - €25,947.32
2. Jason Gauci - €12,362.86 - *Option* 1
   €14,911.66 - *Option* 2
3. Joseph Mercieca - €25,506.76

Il-Bord tal-Evalwazzjoni ltaqa' fis-26 ta' Mejju 2015 sabiex jiddiskuti din l-offerta u rrakkomanda lill-Kumitat/Kunsill li din l-offerta tingħata lil Jason Gauci għal *Option* 2 għall-prezz ta' €14,911.66 minħabba li hija l-orħos offerta li għandha l-materjal importat f'Malta minn barra u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

Il-Kumitat qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li l-offerta tingħata lil Jason Gauci għal *Option* 2 għall-prezz ta' €14,911.66 minħabba li hija l-orħos offerta li għandha l-materjal importat f'Malta minn barra u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

4.04 Il-Kumitat beda jiddiskuti Offerta MXR/006/2015 - *Supply, delivery and installation of environmentally friendly Planters and Benches at Ix-Xlendi, Gozo*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fil-25 ta' Mejju 2015 u nstabu tliet offerti:

1. Dimech Enterprises Ltd - *Lot* 1 - € 2,446.50
   *Lot* 2 - €22,673.70
   *Lot* 3 - € 3,675.00
2. Rapa Showroom Co. Ltd - *Lot* 1 - € 8,186.25
   *Lot* 2 - €23,455.42
   *Lot* 3 - € 5,929.38
3. Green Skip Services Ltd - *Lot* 1 - € 6,512.18
   *Lot* 2 - €55,151.78
   *Lot* 3 - € 7,046.25

Il-Bord tal-Evalwazzjoni ltaqa' fis-26 ta' Mejju 2015 sabiex jiddiskuti din l-offerta u rrakkomanda lill-Kumitat/Kunsill li din l-offerta tingħata lil Dimech Enterprises Ltd għall-prezz ta': *Lot* 1 - €2,446.50; *Lot* 2 - €22,673.70 u *Lot* 3 - €3,675.00 minħabba li hija l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

Il-Kumitat qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li l-offerta tingħata lil Dimech Enterprises Ltd għall-prezz ta' *Lot* 1 - €2,446.50; *Lot* 2 - €22,673.70 u *Lot* 3 - €3,675.00 minħabba li hija l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet. Il-Kumitat/Kunsill kien ser jordna 5 *planters* aktar minn *Lot* 1 u 10 bankijiet aktar minn *Lot* 3.

**5.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

5.01 Il-Malta Maritime Authority waħħlet is-*swimming zone* fix-Xlendi iżda kien hemm xi lmenti li din is-sena saret iżgħar mis-snin l-imgħoddija. Il-Kumitat kien ser jara r-raġuni l-għala sar dan.
Fix-Xlendi beda kennies ġdid mill-iskema Community Work Scheme.
Wara taħditiet li saru ma' Din l-Art Ħelwa u l-Kunsill kien hemm qbil li t-torri tax-Xlendi jgħaddi f'idejn il-Kunsill sabiex jingħata t-titlu u nkunu nistgħu napplikaw għall-fondi tal-Unjoni Ewropea.
Ser isiru l-*fairy lights* max-xtajta u fi Triq ir-Rabat.
Għadu għaddej ix-xogħol ta' manutenzjoni tax-Xlendi, bini ta' ħajt tal-gagazza u xogħol ta' żebgħa. Twaħħlu *stickers* minħabba l-ħmieġ tal-klieb, saret demostrazzjoni ta' kif jissajjar il-ħut u nżebgħu sinjali mat-toroq. Inqata' l-palm ta' Trejqet il-Madonna tal-Karmnu. Il-Ministeru għal Għawdex għamel WiFi ġdid fil-*Parking* tax-Xlendi. Kien hemm *Parliamentary Question* dwar l-iskall tax-Xlendi.
Il-permess għar-restawr tal-istatwa ta' Sant'Indrija ġie approvat u x-xogħol ta' restawr ser jibda biex jekk ma jinqalgħux problemi, ix-xogħol ikun lest fl-ewwel ġimgħa t'Awwissu 2015.
Is-Sindku attendiet għal-laqgħa dwar l-iskema ta' 'Art in Public Spaces' fejn ser tingħata s-somma sa massimu ta' €30,000 biex titranġa art pubblika.

**6.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

6.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

**7.00 Materji oħra.**

7.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 28 ta' Lulju 2015, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Mark Busuttil**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***